MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1041/1997/1

**George Gafa’**

**vs**

**R.A.B. Limited**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTUR

1. L-attur ippresenta citazzjoni fir-Registru tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fejn ippremetta is-segwenti:

Illi l-attur huwa kreditur ts-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elfejn tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2311.50) rappresentanti prezz ta' xoghol maghmul mill-attur in konnessjoni mal-professjoni tieghu ta' certified public accountant u auditor.

Illi s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha diversi drabi li thallas lura din is-somma izda inutilment.

Illi in effetti s-socjeta' konvenuta kienet ittantat thallas parti sostanzjali mill-pagament dovut fis-somma ta' (Lm2070) elfejn u sebghin lira Maltin peress li hareg cekk a favur l-attur, pero' dan ic-cekk ma ssarrafx.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-attur, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti, b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-attur ghar-ragunijiet fuq premessi talbet l-ewwel Qorti sabiex:-
(i) Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe' bid-dispensa tas-smiegh;
(ii) Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' elfejn tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2311.50);
(iii) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2311.50);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta' konvenuta, eccepiet is-segwenti:

Illi l-ammont pretiz fic-citazzjoni mhux dovut stante illi l-partijiet ftehmu fuq pagamenti rateali, u illi sussegwentement instab illi s-servizzi illi ghalihom kellu jkun dovut dan il-pagament, jew ma kienux gew rezi jew saru hazin.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. L-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi prevja li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet l-ewwel talba attrici stante kontestazzjoni u laqghat it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA</u>**

4. Illi s-socjeta' konvenuta hasset ruhha aggravata mis-sentenza u interponiet appell mill-istess ghar-ragunijiet segwenti:
Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza Taghha imsemmija osservat li wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ma kienx sar rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi minkejja li huwa minnu li ma sarx tentattiv mill-esponent sabiex tigi sospiza il-prolazzjoni tas-sentenza, dan kien kaz klassiku ta' svista minhabba li id-data tad-differiment mehuda mill-esponent kien ghal kollox zbaljat.

Illi dan ma kienx kaz ta' nuqqas ta' interess persistenti minn naha tal-konvenut, li jista' talvolta jaghti x'jahseb lill-Qorti li l-konvenut ghandu interess li jtawwal il-process. Anzi wiehed jinnota li effetivament hlief ghall-kaz meta intalab differiment minhabba indisposizzjoni ta' l-avukat difensur ta' l-esponent fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju 1998, l-esponent inghata opportunita' wahda ghas-smiegh tal-provi tieghu fil-11 ta' Novembru 1998 u meta l-Ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ma kien hemm hadd mill-partijiet, u wisq inqas ghalhekk ma kien hemm xi talba ta' l-attur sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza.

Illi l-attur invece inghata diversi opportunitajiet sabiex igib il-provi tieghu, u kien hemm kazijiet fejn naqas milli jaghmel dan minhabba xi raguni jew ohra, jew anke minghajr raguni. Fil-bicca 'l kbira ta' dawn is-seduti hemm registrata l-attendenza tal-konvenut appellant u/jew tad-difensur tieghu.

Illi la darba li fl-ahhar seduta ghall-provi fil-11 ta' Novembru 1998 ma deher hadd, lanqas l-attur, bir-rispett kien il-kaz li l-Qorti thalli il-kawza ghal darb' ohra u possibbilment tikkomunika lill-partijiet, fl-interess tal-

gustizzja, li kien hemm bzonn li l-process jigi regolat, jew tiddisponi mill-kawza b'xi mod iehor li ma jirrekax pregudizzju lil xi parti meta dan ma jkunx wera ruhu disinteressat jew addirittura ta' ostakolu ghall-process gudizzjarju matul il-mori tal-kawza.

Illi minflok gara li l-Ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza, forsi taht l-impressjoni li l-konvenut kien tilef l-interess u b'hekk sofra pregudizzju l-konvenut meta forsi kien jkun jimmeritalu opportunita' iktar wiesa li jgib 'l quddiem il-provi tieghu.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti talbet li din il-Qorti jghogobha tirrevoka is-sentenza appellata u tirrimetti lura il-process lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi ta' l-esponent u wara tghaddi ghas-sentenza.
Bl-ispejjez.

**IR-RISPOSTA TA' GEORGE GAFA'.**
5. L-attur appellat wiegeb illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

**KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI**
6. Il-lanjanza ewlenija tas-socjeta' konvenuta appellanti hija dik li l-ewwel Qorti ma mxietx bl-istess mod mal-partijiet kontendenti u dan a detriment taghha billi in konsegwenza ta' dan l-izbilanc hija spiccat biex giet ipprivata mill-opportunita' li tressaq il-provi taghha kif ghamlet il-kontroparti attrici.

7. Rinfaccjata bl-aggravju surreferit, din il-Qorti ezaminat sew l-verbali kollha tad-diversi seduti li gew mizmuma quddiem l-ewwel Qorti u li bdew fid-9 ta' Gunju 1997 u gew konkjuzi bis-sentenza appellata li nghatat fl-assenza tal-partijiet fit-8 ta' Jannar 1999. Mill-verbali msemmija, din il-Qorti setghet tara li kien hemm seduti li ghalihom attendew il-partijiet, ohrajn fejn l-ebda wahda minnhom ma attendiet izda dehru d-difensuri rispettivi tal-partijiet, u ohrajn fejn dehret naha wahda biss. Huwa minnu li l-attur talab u ottjena talbiet ghal differiment pero' anke l-konvenut Anthony Briffa li kien qed jidher ghas-Socjeta' appellanti talab u ottjena differiment. Hekk ara l-verbal ta'

l-24 ta' Gunju 1998 (fol 28). Taht dan l-aspett biss kien hemm xi ftit ta' zbilanc fis-sens li ghad-darba li l-konvenut Briffa jew ahjar is-Socjeta' konvenuta talbet differiment, l-attur talab u ottjena aktar minn differiment wiehed – darba minnhom ghar-raguni li xhud debitament ingunt ma telax jixhed (ara verbal tas-7 ta' April 1998 a fol 32 tal-process).

8. Illi maghdud is-suespost pero' jirrizulta li filwaqt li fil-kors ta' dawn id-differimenti l-attur xorta wahda ressaq u kkonkluda l-provi tieghu, meta invece wasal it-turn tas-socjeta' appellanti biex hija tressaq il-provi taghha, din baqghet muta. Jirrizulta illi filwaqt li l-attur tella' xhieda kemm permezz tal-procedura ta' l-affidavit kif ukoll "viva voce", is-socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inattiva. Di fatti mill-atti tal-kawza jirrizulta li fil-15 ta' Mejju 1998 (fol. 35), l-attur iddikjara li m'ghandux aktar provi u l-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenuti ghall-24 ta' Gunju 1998. F'din is-seduta flok provi, is-socjeta' konvenuta talbet u otteniet differiment u l-kawza thalliet ghall-11 ta' Novembru 1998. Ghal darb' ohra s-socjeta' konvenuta, minkejja t-trapass ta' ftit anqas minn sitt xhur, flok ma ressqet provi, lanqas biss deher xi hadd ghaliha. Gustament ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kawza thalliet ghas-sentenza. Lanqas ma jirrizulta li l-proceduri b'xi mod gew "ipprecipitati", il-ghaliex il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar 1999, igifieri ghal kwazi xahrejn ohra wara. Bhalma s-socjeta' konvenuta kienet intavolat talba ghal differiment precedentement, kellha opportunita' shiha li ta' lanqas tintavola talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Setghet wkoll nel frattemp taghmel il-provi taghha, jew parti minnhom, bil-procedura ta' l-affidavit. Imma minn dan kollu baqghet ma ghamlet proprju xejn. Manifestament ghalhekk ma tistax issa tinghata ragun meta tavanza aggravju li fih qeghda tilmenta minn modus operandi zbilancjat u ta' pregudizzju ghaliha min-naha ta' l-ewwel Qorti. Jekk kien hemm xi hadd li kellu tort ghall-mod kif tkomplew il-proceduri wara li l-attur iddikjara li kien ikkonkluda l-provi tieghu, din kienet biss is-socjeta' konvenuta. U ghal dan in-nuqqas attribwibbli lis-socjeta' appellanti, il-konsegwnzi ghadha tbatihom hi wkoll ghaliex hu kaz car ta' "imputat sibi".

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti jidhrilha li l-aggravji tas-socjeta' konvenuta huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg
df